A.L. 457 ta' l-2004

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Offerti)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-ordni 38 ta' l-Ordnijiet Permanenti li hemm fis-Sitt Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Kunsilli Lokali u bl-artikolu 72 ta' l-istess Att, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Offerti) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali" .

A.L. 157 ta' l-1993.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) minnufih qabel it-tifsira ta' "Att" għandha tidħol din it-tifsira ġdida kif ġej:-

" "appellant" tfisser offerent li jkun ressaq appell mid-deċiżjoni tal-Kunsill;";

(b) minnufih wara t-tifsira ta' "kuntrattur" għandha tidħol din it-tifsira ġdida kif ġej:-

" "offerent" tfisser dik il-persuna li tkun ippreżentat offerta lill-Kunsill skond dawn ir-regolamenti;" ;

(ċ) minnufih wara t-tifsira ta' "Proċeduri ta' Offerti" għandhom jidħlu t-tifsiriet ġodda kif ġej:-

" "pubblikazzjoni" tfisser it-tqegħid tad-deċiżjoni tal-Kunsill fin-*notice-board* tal-Kunsill;

"Segretarju Eżekuttiv" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;" .

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara l-paragrafu (d) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) li jagħmel stima tal-valur ta' l-offerta, liema stima għandha tiġi approvata mill-Kunsill.".

Jemenda regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok subregolament (2) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Is-Segretarju Eżekuttiv għandu, fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-deċiżjoni tal-Kunsill, jippubblika dik id-deċiżjoni fejn għandhom ukoll jingħataw ir-raġunijiet skond il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 40 ta' l-Att.".

Jenumera mill-ġdid it-Taqsima IV u jżid Taqsima ġdida mar-regolament prinċipali.

5. Taqsima IV tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala t-Taqsima V tagħhom, u minnufih wara r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, għandha tidħol din it-Taqsima ġdida kif ġej:-

"TAQSIMA IV

Appelli

Il-bord jisma' appelli mid-deċiżjonijiet tal-Kunsilli.

10. (1) Il-Ministru għandu jwaqqaf Bord biex jisma' u jiddeċiedi dwar appelli minn deċiżjonijiet meħuda minn xi Kunsill Lokali dwar sejħiet għall-offerti maħruġa mill-istess Kunsill Lokali. L-ismijiet tal-membri tal-Bord kif ukoll tal-membri sostituti għandhom jiġu pubblikati f'xi żewġ gazzetti lokali.

(2) Dan il-Bord ikollu s-setgħa li jisma' u jiddeċiedi appelli minn offerenti li jħossuhom aggravati b'deċiżjoni ta' dak il-Kunsill dwar offerti fejn il-valur stmat tal-kuntratt ikun bejn elfejn u lira (Lm 2001) u l-ħamest elef lira (Lm 5000) u f'kull każ ieħor fejn, minflok ma jkun ġie stabbilit il-valur stmat tal-kuntratt, ikunu ġew stabbiliti jew offruti rati:

Iżda minkejja dawn id-disposizzjonijiet, f'każ li l-Kunsill Lokali ma jkunx stabbilixxa stima tal-valur ta' l-offerta, l-appell għandu jsir skond l-inqas valur ta' l-offerti mitfuha.

(3) Il-Bord għandu jkun magħmul minn *Chairman* u żewġ membri li jingħażlu wara konsultazzjoni ma' l-Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

(4) Iċ-*Chairman* u l-membri tal-Bord iservu fuq bażi onorarja għal żmien sena u jistgħu jinħatru mill-ġdid kull sena għal perjodu ta' mhux aktar minn tlett snin konsekuttivi.

(5) Il-Ministru għandu jaħtar ukoll *Chairman* u membri sostituti sabiex iservu fil-każ li jew iċ-*Chairman* jew xi wieħed mill-membri tal-Bord jastjenu ruħhom jew jiġu rikużati. F'dak il-każ għandhom japplikaw l-istess kundizzjonijiet bħal dak taċ-*Chairman* jew tal-membri tal-Bord.

(6) Kull kwistjoni dwar ir-raġunijiet għall-astensjoni jew rikuża għandha tiġi deċiża miċ-*Chairman*.

(7) Ikun l-obbligu ta' kull membru tal-Bord li jiddikjara kull interess li jista' ikollu f'xi appell li jinġieb quddiem il-Bord, u ċ-*Chairman* jaħtar is-sostitut tiegħu. Fil-każ li l-interess dikjarat ikun dak taċ-*Chairman*, is-sostitut *Chairman* għandu jassumi l-presidenza tal-Bord.

(8) Il-Bord għandu jkollu Reġistratur, u dik il-funzjoni għandha taqa' fuq is-Segretarju Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jew fuq is-sostitut tiegħu kif approvat mill-membri tal-Bord.

(9) Il-Bord għandu jiltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jew f'xi post ieħor approvat mill-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

(10) Il-Ministru jista' f'kull żmien, ixolji l-Bord ta' l-Appelli jew ineħħi xi membru tal-Bord jew xi sostitut meta jħoss il-bżonn.

Ir-Reġistratur ilaqqa' l-Bord.

11. (1) Malli r-Reġistratur tal-Bord jirċievi avviż ta' appell, dan għandu minnufih jinforma liċ-*Chairman* sabiex ilaqqa' l-Bord fl-iqsar żmien possibbli, u f'ebda każ aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol mid-data meta jiġi notifikat l-avviż ta' l-appell.

(2) Meta l-membri tal-Bord jiġu notifikati bid-data u l-ħin tas-smiegħ, ir-Reġistratur tal-Bord għandu jibgħat lill-partijiet kollha d-dettalji dwar l-oġġezzjonijiet li jkunu ser jinstemgħu.

(3) Ir-Reġistratur tal-Bord għandu wkoll jinnotifika lill-partijiet kollha interessati bil-post, id-data u l-ħin tas-smiegħ. Il-Bord ikollu dritt iħarrek ukoll lil persuni oħra skond ma jista' jkun meħtieġ għas-smiegħ ġust tal-kawża.

(4) L-appell jitqies li jkun ġie rtirat jekk l-appellant, mingħajr raġuni ġustifikata, jonqos milli jattendi skond ma jkun ġie notifikat.

(5) Id-deċiżjoni tal-Bord tkun waħda finali u torbot lill-partijiet kollha.

L-offerent li jħoss ruħu aggravat jista' jappella.

12. Kull offerent li jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Kunsill, dwar offerti, jista', fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-Kunsill, jippreżenta appell, flimkien ma' depożitu ta' ħamsin lira, lis-Segretarju ta' dak il-Kunsill Lokali. Id-depożitu jitħallas lura mill-Kunsill lill-offerent li jkun qed jappella jekk dak l-appell jiġi deċiż favur l-appellant.

Il-Kunsill jgħaddi kopja ta' l-appell u nofs id-depożitu lir-Reġistratur.

13. (1) Il-Kunsill għandu minnufih jgħaddi kopja ta' l-appell, flimkien ma' nofs l-ammont depożitat, lir-Reġistratur tal-Bord, u dak l-ammont ma għandu f'ebda każ jingħata lura lill-Kunsill.

(2) Ir-Reġistratur tal-Bord għandu jżomm kontijiet separati biex jirreġistra d-dħul u l-ħruġ relatati mat-tħaddim tal-Bord ta' l-Appell.

14. (1) Mat-tmiem ta' l-appell, id-deċiżjoni tal-Bord għandha tiġi notifikata lill-Kunsill Lokali u lill-appellant minnufih. Il-Kunsill għandu jippubblika d-deċiżjoni malli jirċieviha.

(2) L-ordnijiet kollha maħruġa mill-Bord għandhom ikunu iffirmati miċ-*Chairman* u jiġu ċertifikati mir-Reġistratur tal-Bord.

Id-dokumenti għandhom jinżammu mill-Assoċjazzjoni.

15. Id-dokumenti kollha għandhom jinżammu fl-uffiċċju amministrattiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u taħt il-kustodja tar-Reġistratur.

Ħruġ ta' l-ittra ta' aċċettazzjoni.

16. Fi żmien tlett ijiem tax-xogħol min-notifika tad-deċiżjoni ta' l-appell mill-Bord, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali għandu joħroġ l-ittra ta' aċċettazzjoni skond ma jkun iddeċieda l-Bord.

Meta l-valur tal-kuntratt jeċċedi Lm5000. A.L. 299 ta' l-2003.

17. F'kull każ fejn il-valur stmat ta' l-offerta jaqbeż il-ħamest elef lira, il-proċedura ta' l-appell għandha ssir skond ir-Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Kuntratti Pubbliċi.

Il-proċeduri ad hoc japplikaw.

18. Il-proċeduri stabbiliti mill-Kumitati tal-Kuntratti, appuntat mill-Ministru responsabbli għall-finanzi għandhom, kemm-il darba mhux provdut xort' oħra b'dawn ir-regolamenti jew regolamenti oħra dwar sejħiet għall-offerti maħruġa mill-Kunsilli Lokali, ikunu japplikaw *mutatis mutandis*." .

Jenumera mill-ġdid ir-regolamenti 10 u 11 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolamenti 10 u 11 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala r-regolamenti 19 u 20 ta' l-istess regolamenti.